MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tas-6 ta' Lulju, 2006

Talba Numru. 433/2006

**Luigi Cassar Manghi (ID 519059M), John Cassar (ID 442152M) u Maria Rosella Dalmas (ID 525548M)**
**Vs**
**Anthony Camilleri (ID 505949M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-9 ta Mejju 2006, fejn intalab li l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lill-atturi s-somma ta' hames liri u tnax il-centemzu (Lm5.12) rapprezentanti arretrati ta cens dovut fuq il-fond Desiree, Triq il-Liedna, Fgura ghal perjodu bejn it-13/6/03 sat-13/6/05.

Ra li permezz ta nota prezentata fit-28 ta Gunju 2006 l-atturi cedew il-kawza fuq is-sorte filwaqt li zammew inpregudikat il-kap tal-ispejjes.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tal-atturi sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-

kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikat legalment il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tat-28 ta Gunju 2006, meta gie pprezentat l-Kapitolu ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta’ llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal filwaqt li jastjeni milli jiehu aktar konjizzjoni tat-talba fuq is-sorte stante n-nota ta cessjoni fuq indikata, jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi l-ispejjes kollha ta din l-istanza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------